minn **Noel D'Anastas** – ndanastas@gmail.com

# Ħadd ma jaf jagħtik gost daqs l-iXtruppaw...

L-istennija għat-tieni album ta' Xtruppaw kienet kbira, imma issa wasal u wasal bil-kbir. Għaddew is-snin mill-album debuttanti *Is-CD tal-iXtruppaw* li kien tnieda waqt kunċert fil-Luxol Sports Bar f'Ġunju ta' seba' snin ilu.

Xtruppaw irritornaw b'album ġdid, b'materjal tajjeb li jkompli jinjettalek il-vini, probabbli aktar minn dak li kien introduċiehom mal-ġenerazzjoni tal-meqrudin. Tapprezza aktar dak li jipproduċu Xtruppaw waqt xi dehra tagħhom mimlija ħajja u umoriżmu, fejn il-*buzz* jiddomina l-attrazzjoni, fi kliem ieħor, "ħadd ma jaf jagħtik gost daqs l-iXtruppaw..."

U hekk kien il-kunċert ta' nhar is-Sibt, 6 ta' Lulju fil-Ħabs il-Qadim ta' Kordin fejn attendenza kbira żammet l-appuntament u kulħadd ħa gost iħoss il-polz, ikanta u jitla' 'l fuq mal-ħoss u l-grinta offruta, mal-versi sublimi daqs dawk ta' *Dun Karm & d-Romantik Co.,* miktuba minn Jeff Galea u shabu, l-iXtruppaw.

Dwar il-*launch concert* u l-album il-ġdid ***Xtruppożitorju,*** li mingħajr tqanżiħ iġegħlek tistrieħ, tkellimt ma' Jeff Galea li flimkien ma' Noel Cuschieri Huy, Ronald Grech Santucci, Marvin Zammit u Dino Mifsud Lepre jiffurmaw din il-meravilja.

**Xtruppaw nhar is-Sibt li għadda kienu fl-aqwa tagħhom, umoriżmu mimli ħajja, *buzz* u spettaklu. L-attendenza kienet tajba. Anki BNI kienu ċelebri. L-istennija tat il-prova tagħha, xi tgħid int?**

L-istennija kemm tal-album ġdid kif ukoll tal-kunċert mingħand l-iXtruppaw kienet waħda twila, għalhekk ippruvajna li dan il-kunċert tat-tnedija ta' Xtruppożitorju ikun wieħed memorabbli, kemm għall-udjenza kif ukoll għalina stess bħala *band.*

Għalhekk, għamilna l-almu tagħna biex nagħmlu l-aqwa kunċert li qatt daqqejna, kemm mil-lat tekniku kif ukoll min-naħa ta' spettaklu. Jidher li l-ħidma tagħna u ta' bosta nies involuti kienet apprezzata ħafna mill-udjenza. Dik għalina hi ta' sodisfazzjon kbir.

**Xtruppaw ilhom mill-2005 fix-xena flimkien. *Is-CD tal-iXtruppaw* ħareġ sena wara. Kien debutt kbir. Għal dawk li forsi baqgħu lura u ma semgħux bikom, kif tiddeskrivi l-mużika tagħkom?**

Il-mużika tagħna tikkonsisti minn kawlata ta' stili differenti, minn *rock* għal *punk,* għal *country*, għal *disco* u ħafna oħrajn. Li tgħaqqad dawn l-istili b'mod li jagħmlu sens flimkien hi l-lirika bil-Malti li tikkonsisti f'umoriżmu u satira li llum il-ġurnata huma pjuttost sinonimi mal-isem Xtruppaw.



(Xellug): Uħud mill-membri tal-grupp Xtruppaw waqt il-kunċert. (Taħt): il-cover tas-CD

**Twasslu xenarju *'cool'* soċjali b'laqta sottili imma fil-vina. Tużaw l-ilsien nattiv. Jintlaqa' tajjeb. Għala għażiltu l-Malti biex twasslu dan? Għala l-mużika tagħkom tagħti gost?**

Nużaw il-Malti għax hu l-lingwa li nitkellmu biha kuljum, l-iktar lingwa li nħossuna nistgħu nesprimu ruħna tajjeb biha u, ngħiduha kif inhi... ċertu lingwaġġ, daqs kemm joħroġ sabiħ bil Malti, ma joħroġ bl-ebda lingwa oħra.

Il-mużika tagħna probabbli tagħti gost għax ma niħdux lilna nfusna wisq bis-serjetà. Il-motto tagħna hu li jekk id-diska ma tpoġġilniex tbissima fuq wiċċna, mela mhux postha fir-repertorju tagħna.

**Fl-ewwel album kellkom diski bħal *Gloria Tonna, Maltin Ġewwa l-Awstralja, Malta, Ġenerazzjoni tal-Meqrudin, Diska Cool għar-Radio, Dlam Ċappa u riħa ta' ħ....,* u l-*Innu Marċ (Viva l-Kbir San Ċipress).* Kien fih element ta' identità Maltija. Xi tgħid dwar dan?**

Meta nkunu qed niktbu diska ġdida, dejjem nippruvaw ninkludu xi elementi li s-semmiegħ jista' jassoċja ruħu magħhom, xi ħaġa mqar żgħira li b'xi mod jew ieħor tolqtok personalment. Jaf tkun xi ħaġa fil-lirika, jew xi ħaġa fil-mużika, però inevitabbilment ħafna drabi tkun iddur madwar il-kultura Maltija li tinfluwenzana anki mingħajr ma rridu.

**It-tieni album wara seba' snin. Għala domtu daqshekk ma ħriġtu dan il-materjal? X'kienu l-aktar mumenti sbieħ fir-*recording* tiegħu? Għala *Xtuppożitorju?***

Kienu bosta fatturi li affettwaw id-dewmien tat-tieni album, fil-maġġor parti tagħhom kienu affarijiet tal-ħajja personali tal-membri tal-grupp, sew bħala karrieri, jew preparamenti għaż-żwieġ u l-post, u elf ħaġa oħra. Kien hemm xi ostakli artistiċi żgħar ukoll.

Però naħseb in-nuqqas ta' ħin liberu kien l-ikbar fattur. Jibqa' l-fatt li t-tieni album involva ħafna iktar xogħol mill-predeċessur tiegħu, peress li tista' kważi tgħid li ħadnieħa bħala sfida personali li niktbu u nirrekordjaw l-aħjar materjal li stajna.

Wara li lestejna x-xogħol, iddeċidejna li nippakkjaw ir-riżultat taħt l-isem *Xtruppożitorju.* Għala *Xtruppożitorju?* Biex jekk ma jogħġbokx, taf x'għandek tagħmel bih! (haha)

**F'dan l-album qed tippreżentaw xenarju li mill-fehma tiegħi hu tajjeb daqs jew aħjar minn ta' qablu. Siltiet bħal *L-Avventuri Maraviljużi ta' Żaren Elvis Ciappara u Ħrejjef Simili, Frutsalad, Oraklu Diġitali, Ħabtu ma' Rizza* u oħrajn li diġà saru popolari. Xi tgħid int?**

Hu fatt pjuttost magħruf li għal grupp mużikali, it-tieni album tiegħu jkun dejjem iktar diffiċli. Ta' dan nistgħu nkunu xhieda aħna stess. Però naħseb li bi *Xtruppożitorju* rnexxielna noħorġu prodott li jagħmel ġieħ lill-ewwel album tagħna u dak kollu li jirrappreżenta.




Esplorajna stili li qatt ma daqqejna qabel u naħseb li, kumbinata mal-lirika umoristika, ħadmet biex l-udjenza bil-mod ċkejken tagħna, tkun ippremjata tal-istennija.

**Liema hi l-aktar diska għal qalbek u l-aktar diska li ntgħoġbot s'issa minn dan il-materjal il-ġdid?**

Jien personalment togħġobni ħafna *Ħafna Żliq fid-Diskow* għax minn dejjem xtaqt nagħmel diska stil *disco* tas-snin 70. Min-naħa l-oħra, l-iktar diska li li ntgħoġbot s'issa, probabbli hi *Frutsalad*, peress li ppubblikajnieha permezz ta' *Youtube,* iżda hemm siltiet oħra li ntlaqgħu tajjeb ħafna u għandna kurżità kbira nistennew biex naraw liema diska se tkun l-iktar popolari.

**Kif tikkombinaw bejnietkom?**

Aħna qabel kollox ħbieb antiki u ħbieb kbar... il-kumplament jitfassal b'xi mod jew ieħor.

• Għal aktar tagħrif dwar Xtruppaw ara www.xtruppaw.com.